# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 9 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  2395/99 M3 NA**

**Edwina Trebelsi**

**vs**

**Mohammed Trebelsi**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tas-26 ta' Mejju 2000 fejn titlob:

1. tordna lill-intimat ihallas manteniment ghall-esponenti w uliedha;  u

2. tordna li pendenti litis l-intimat jizgombra mid-dar matrimonjali u tawtorizza lill-esponenti tmur tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha minuri.

Fir-risposta tieghu tat-18 ta' Lulju 2000 l-intimat jitlob lill-Qorti tichad it-talbiet attrici. Huwa ma kienx jahdem u kien qed ighix bir-*relief*. L-attrici telqet mid-dar matrimonjali biex tghix ma' missierha u tkun tista' tkompli relazzjoni extra-maritali ma' mara ohra. Fil-waqt illi ghamel xi zmien jikkoabita fid-dar matrimonjali ma' certa Fatima D'Amato din ir-relazzjoni ilu zmien li ntemmet.

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2001 xehedu l-Ispettur Marisa Camilleri, is-Surgent Anthony Camilleri, ufficjal ta' l-Emigrazzjoni u Joseph Buttigieg, rapprezentant tal-VAT. Xehdet ukoll Fatima D'Amato. Fis-seduta invece tal-11 ta' Mejju 2001 xehdet estensivament l-attrici ta' liema xhieda sar il-kontro-ezami w ir-ri-ezami. F'din is-seduta gie vverbalizzat:-

> "*Dr. David Camilleri talab lill-Qorti tghaddi ghal digriet fuq il-provi mressqa peress illi l-konvenut kien kontumaci fil-kawza fl-atti ta' liema kawza gie pprezentat dan ir-rikors.*
>
> *Dr. Ellul talab differiment biex ikun jista' jirregola ruhu ahjar u ghalhekk ried li l-process ikun ghad-disposizzjoni tieghu.*"

Ghal xi zmien deher illi l-partijiet setghu jaslu ghal separazzjoni konsenswali. Dan pero' ma sehhx u fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2001 filwaqt illi l-attrici ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi d-difensur tal-konvenut iddikjara li "*minhabba li*

*kien ghadu ma ggustifikax il-kontumaci tieghu hu ma setax iressaq il-provi tieghu pero' xtaq li jigi vverbalizzat li l-klient tieghu bhal issa ma kienx qed jahdem.*". F'dawn ic-cirkostanzi r-rikors gie differit ghad-digriet camerali li sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi t-talbiet attrici f'dan ir-rikors iridu jigu kkonsidrati mhux biss fil-parametri tal-provi mressqa f'dan ir-rikors pero' wkoll fil-kuntest ta' dak deciz minn din l-istess Qorti f'digriet iehor moghti llum stess bejn dawn il-partijiet fir-rigward tat-tfal minuri. B'dak id-digriet din il-Qorti ddecidiet illi l-kura u kustodja tal-minuri Omar kellha tinghata lill-Istitut ta' St. Patrick's filwaqt illi jirrizulta illi z-zewg minuri l-ohra wkoll jinstabu taht il-kura fattwali ta' Istitut.

Ikkunsidrat:-

Mhuwiex ikkontestat illi f'dan il-mument iz-zewg partijiet ma humiex qeghdin jahdmu, minkejja illi fil-passat it-tnejn kienu validament okkupati, l-attrici impjegata ma' Al Cafe u l-intimat *self-employed*. Fiz-zmien meta kien jahdem, skond l-attrici, il-konvenut kien jaghtiha Lm30 fil-gimgha ghaliha u ghat-tfal

minuri. Fil-waqt illi llum ma hu qed jaghtiha xejn minkejja illi, kuntrarjament ghal dak li titlob fir-rikors, tiddikjara illi ma kenitx qed tippretendi alimenti ghaliha nnifisha izda biss ghat-tfal minuri. Dawn ic-cirkostanzi kif ukoll il-fatt illi l-minuri qeghdin fil-kura effettiva ta' Istituti (hlief ghal Omar li tieghu ghandha l-kura u kustodja legali l-Istitut ta' St. Patrick's) iwasslu lill-Qorti biex tiddisponi mit-talba ta' l-attrici ghall-alimenti billi tastieni milli tiehu konjizzjoni taghha fir-rigward ta' l-attrici filwaqt illi tordna lill-attrici u lill-konvenut ihallsu hmistax-il lira Maltin (Lm15) kull xahar kull wiehed minnhom u ghal kull minuri lill-Istitut li ghandu l-kura effetiva taghhom. Filwaqt illi l-Qorti tapprezza li dan il-provvediment imur oltre t-talbiet attrici l-interess suprem tal-minuri jinnecessitah.

Ikkunsidrat:

In kwantu ghad-dar matrimonjali l-attrici tallega illi l-konvenut kien vjolenti maghha u kien anke jgieghlha tipprostitwixxi ruhha. Dan huwa nnegat fir-risposta mill-konvenut. Huwa minnu illi l-attrici prezentement tabita ma' missierha u li l-minuri jirrisjedu fl-Istituti. Dan pero' ma jistax u ma ghandux ikun arrangament fit-tul fejn, l-interess suprem tal-minuri, jitlob li huma jghixu ma' ommhom fid-dar matrimonjali - dar li

jirrizulta li qed tintuza mill-konvenut biss bl-iskop li jilqa' go fiha hbieb li jigu Malta mil-Libya minn zmien ghal zmien.  Din it-talba ta' l-attrici hija ghalhekk milqugha w il-konvenut ghandu sal-ahhar ta' din is-sena biex jizgombra mid-dar matrimonjali biex tkun tista' tirrisjedi fiha l-attrici ma' dawk mill-minuri li jistghu f'dak iz-zmien ikunu qed ighixu maghha.

L-ispejjez huma rizervati ghal-gudizzju finali.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.